**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 331/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**John Mary CARUANA**

**Illum, 28 ta' Frar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' **John Mary CARUANA**, ta' 58 sena, iben Emanuel u Maria nee` Chetcuti, imwieled il-Mosta fit-22 ta' Settembru 1961, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 599261(M), minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tiegħu nhar it-3 ta' Ottubru 2023, wara illi ġie mixli talli:

Nhar is-Sibt l-14 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tas-18:30hrs, fil-ġranet, xhur u/jew ħinijiet ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu b'riżoluzzjoni waħda u li ġew magħmula fi żminijiet differenti, pero' li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi:

1) Ikkaġuna lil Margaret Caruana biża' li se tintuża' vjolenza kontra tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;

2) Aktar talli nhar is-Sibt l-14 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tas-18:30hrs, ġewwa r-residenza fond numru 36 'Mon Amour', Triq l-Eġittu, Naxxar, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel b'awtorita` tiegħu nnifsu lil Margaret Caruana tħallas dejn jew tesegwixxi obbligazzjoni li tkun li tkun jew fixkel lil Margaret Caruana fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor;

3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Margaret Caruana;

4) U aktar talli nhar is-Sibt 14 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tas-18:30hrs, ġewwa r-residenza bin-numru 36, 'Mon Amour', Triq l-Eġittu, Naxxar, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 1021, PC 238, PC 924 u WPC 417, kif ukoll nhar il-Ħadd, 15 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tad-09:20hrs ġewwa l-'lock up' tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 1021, PC 238, u PC 924, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizzi pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5) U aktar talli fl-istess data, ħin u ħinijiet ta' wara ġewwa r-residenza fond numru 36 'Mon Amour', Triq l-Eġittu, Naxxar u kif ukoll

ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, Triq Zenqa, Naxxar naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS 1021, PC 924, PC 238, WPC 417 u PC 602, uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jaqdu jew fixkel jew indaħal lill-imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

6) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fi Triq l-Eġittu, Naxxar u ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar sitwata ġewwa Triq iz-Zenqa, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta` ta' Margaret Caruana jew għaż-żamma tal-ordni pubblika jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra John Mary Caruana, skont l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'kaz ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Margaret Caruana u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 95, 338(dd), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat (illum l-appellant) **John Mary CARUANA** ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet għal dak li jirrigwarda biss l-inċidenti tal-14 ta' Marzu 2020, u tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u kkundannatu għall-ħlas ta'

multa ta' tmien mitt ewro (€800), filwaqt li lliberatu mill-ewwel, mit-tieni imputazzjoni u mir-raba' imputazzjoni għal dak li jirrigwarda l-inċident tal-15 ta' Marzu 2020.

In oltre l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' **John Mary CARUANA** sabiex tiġi kawtelata Margaret Caruana u dana skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment ma' dik is-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **CARUANA** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*għar-raguni premessa timmodifika u tvarja s-sentenza fuq citata moghtija fil-konfront tieghu nhar it-3 ta' Ottubru 2023 billi filwaqt li ghandha tikkonferma fl-intier kemm fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati ta' whud mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu inkluz il-multa nflitta u kif ukoll fejn sabitu mhux hati ta' diversi imputazzjonijiet imressqa kontra tieghu u kif ukoll tikkonferma l-hrug tal-ordni ta' trazzin kontra tieghu inkluz l-ewwel u t-tielet kondizzjoni hemm indikati pero' fl-istess hin ghandha thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza ghal dak fejn tirrigwarda t-tieni kondizzjoni imposta fuqu fl-imsemmija ordni ta' trazzin u konsegwentement ghalhekk tehilsu ghal kollox minn din l-istess kondizzjoni*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali ntavolat risposta għar-rikors ta' l-appell tal-appellant nhar is-16 ta' April 2024, li permezz tagħha wieġbet illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravju tal-appellant u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Ottubru 2023.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, inkluż tal-*parte civile*, dwar il-mertu tal-appell odjern.

## F. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar l-14 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tas-6.30 p.m., Margaret Caruana ċemplet ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar sabiex titlob l-assistenza tal-Pulizija ġewwa l-fond numru 36, 'Mon Amour', Triq l-Eġittu, Naxxar, stante illi l-appellant **John Mary CARUANA** qala' l-bieb tal-garaxx.

7. Jirriżulta wkoll illi PS 1021, PC 924, WPC 417 u PC 238 ipproċedew fuq il-post. L-appellant ħareġ mid-dar, beda jgħajjat '*Jekk trid arrestani*', u jgħid illi jekk l-eks-mara tiegħu, Margaret Caruana, tagħtih tliet mitt elf ewro (€300,000) fi żmien tmienja u erbgħin siegħa, huwa jħalliha bi kwietha. Ġiet mitkellma Margaret Caruana, barra r-residenza, li stqarret illi l-appellant kien xegħel l-i*stereo* b'volum għoli u tela' fuq, hija tfiet l-i*stereo* u għalqet il-bieb tal-garaxx minn ġewwa, hu reġa' niżel fil-garaxx u reġa' xegħel l-i*stereo*, din id-darba b'volum iżjed għoli u ħalla l-bieb miftuħ, filwaqt illi reġa' tela' fuq. Hi reġgħet tfiet l-i*stereo* u għalqet il-bieb tal-garaxx, hu beda joffendiha b'ommha u b'missierha u jkellimha ħażin, u eventwalment niżel u qala' l-bieb tal-garaxx. Żiedet tgħid illi għalkemm huwa ma kienx jorqod ġewwa r-residenza, huwa kien imur kuljum u ġieli mar anke matul il-lejl. Qalet ukoll illi ġieli għamlet rapporti fil-konfront tal-appellant, għaliex tibża' minnu.

8. Fuq il-post, l-appellant ġie mitlub diversi drabi sabiex jikkalma, iżda rrifjuta li jagħmel dan, u waqt illi kienet qed tiġi mitkellma Caruana, huwa baqa' jinterrompi. F'ħin minnhom, mill-vettura tiegħu ħareġ *chainsaw* tal-injam u mazza, u mistoqsi x'kien se jagħmel bihom, huwa qal illi kien se jkisser kull m'hemm. Meta daħlu fil-post, il-Pulizija

setgħu jinnutaw illi l-bieb li jinfed għall-garaxx kien maqlugħ miċ-ċappetti. Eventwalment, stante illi l-appellant baqa' jgħajjat u taha daqqa fuq il-bieb, bir-riżultat illi PS 1021 u PC 924 kważi ntlaqtu bl-istess bieb, l-istess appellant ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, fejn ingħata d-drittijiet tiegħu u sussegwentement provda l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija. Hawnhekk, skont l-affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi, huwa baqa' jintimida u jinterrompi lill-Pulizija f'kull ħin. Eventwalment l-appellant ittieħed ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u wara, l-*lock up* tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Matul dan il-vjaġġ, esprima sentimenti ta' mibgħeda fil-konfront ta' ibnu u ta' Margaret Caruana. Sar ukoll *risk assessment* mill-professjonisti fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ kemm lil Margaret Caruana, kif ukoll lill-appellant, b'dak ta' Margaret Caruana jirriżulta 14, u tal-appellant, 4. Intant nhar il-15 ta' Marzu 2020, hekk kif l-appellant kien se jiġi rilaxxjat mill-arrest, huwa baqa' jġib ruħu b'mod ostili fil-konfront tal-Pulizija preżenti. Għall-ħabta tal-11.15 a.m., huwa ttieħed ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara sabiex jiġi mitkellem mill-Ispettur Elton Taliana, fejn stqarr illi huwa jgħix f'għalqa fi Triq Għajn Rihana, Burmarrad, iżda jmur fir-residenza ġewwa Triq l-Eġittu, in-Naxxar biss sabiex jinħasel.[1]

9. Eventwalment inħarġu akkużi kriminali kemm fil-konfront tal-appellant, kif ukoll ta' Margaret Caruana, bil-proċeduri kontra l-appellant jibdew nhar l-24 ta' Settembru 2020 u jiġu deċiżi mill-Ewwel Qorti, kif ingħad, nhar it-3 ta' Ottubru 2023. Jirriżulta wkoll illi kemm il-*parte civile,* kif ukoll l-appellant, xehdu f'dawn il-proċeduri.[2]

10. Illi l-appellant ressaq aggravju wieħed quddiem din il-Qorti u dan b'referenza għat-tieni kundizzjoni, indikata bl-ittra 'b', fl-Ordni ta' Trażżin li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat il-ħruġ tiegħu nhar it-3 ta' Ottubru 2023, fit-termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, skont

---

[1] Ara l-affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi, a fol. 3 *et seq* tal-proċess; l-affidavit ta' PS 238 C. Zahra, a fol. 10 *et seq* tal-proċess; l-affidavit ta' WPC 417 M. Tabone, a fol. 12 *et seq* tal-proċess; l-affidavit ta' PC 924 P. Mifsud, a fol. 14 *et seq* tal-proċess; u l-affidavit ta' PC 602 N. Tabone Borg, a fol. 16 tal-proċess. Ara wkoll ir-*risk assessment* fil-konfront tal-appellant, a fol. 25 *et seq* tal-proċess u l-affidavits tal-assessuri Redent Farrugia u Ilona Deguara dwar ir-*risk assessment* li sar lill-*parte civile,* a fol. 68 u 70 tal-proċess. Ara wkoll ir-*risk assessment* fil-konfront ta' Margaret Caruana, a fol. 73 *et seq* tal-proċess.
[2] Ara a fol. 43 *et seq* tal-proċess u a fol. 111 *et seq* tal-proċess.

liema kundizzjoni ġie projbit u ristrett l-aċċess tal-istess appellant ġewwa l-fond fejn tirrisjedi, taħdem jew tiffrekwenta Margaret Caruana, anke jekk il-ħati jkollu xi interess legali f'dak il-fond. L-appellant isostni illi huwa għandu jinħeles minn din il-kundizzjoni u dan għaliex il-fond li fih tirrisjedi l-istess Caruana ġewwa Triq l-Eġittu, Naxxar, kien u baqa' l-fond residenzjali ordinarju bejnu u bejn martu sa mill-ġurnata ta' wara tal-kuntratt tas-separazzjoni personali tagħhom, u għalhekk, skont hu, m'huwiex konċepibbli illi jiġi miżmum milli jidħol jew milli jkollu aċċess liberu għall-fond residenzjali tiegħu.

11. Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-Artikolu 382A(1) tal-Kodiċi Kriminali li jaqra hekk:

> Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin ta' dan is-Sub-titolu, meta l-qorti tqis li jkun espedjenti li hekk tagħmel għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 412Ċ(1), il-qorti tista', meta tagħti sentenza kontra l-akkużat, flimkien ma' kull piena li tista' tagħti lill-ħati, tagħmel ordni (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ordni ta' trażżin") li tista' tagħti effett għal kull ma hemm fis-subartikolu (3) tal-artikolu 412Ċ imsemmi u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (8) sa (11) tal-artikolu 412Ċ, it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

12. Għalhekk din id-dispożizzjoni tal-liġi tagħmel referenza għall-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tipprovdi illi japplikaw għal kull Ordni ta' Trażżin, *inter alia* d-disposizzjonijiet tas-sub-artikoli (1), (3) u (8) tal-imsemmi artikolu. L-Artikolu 412Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa "l-akkużat") tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala Qorti istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali, il-Qorti tista', kemm *ex officio* jew b'talba ta' xi parti fil-proċedimenti, minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew

għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

In oltre s-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu jgħid hekk:

Qabel ma toħroġ l-ordni, il-Qorti għandha tqis:

(a) il-ħtieġa li tiżgura li l-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni jkunu protetti minn kull dannu jew molestja; u

(b) il-benesseri ta' tfal jew dipendenti oħra li jistgħu jintlaqtu mill-ordni; u

(c) il-ħtiġiet ta' akkomodazzjoni tal-persuni kollha li jistgħu jintlaqtu mill-ordni, b'mod partikolari tal-persuna offiża, it-tfal tagħha jew id-dipendenti l-oħra tagħha; u

(d) kull tbatija li tista' tkun kaġunata lill-akkużat jew lil xi persuna oħra minħabba li tkun saret l-ordni; u

(e) jekk l-akkużat ikunx irid jew le li jingħata dak it-trattament li l-Qorti jista' jidhrilha li jkun xieraq; u

(f) kull materja oħra li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti jidhrilha li tkun relevanti:

Iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-materji li jinsabu fil-paragrafi (a), (b) u (e).

Dan filwaqt illi s-sub-artikolu (8) tal-Artikolu 412Ċ, jindika dawk l-ordnijiet illi jistgħu jsiru permezz ta' Ordni ta' Protezzjoni, kif applikabbli wkoll għal Ordni ta' Trażżin:

Bla ma tiġi limitata x-xorta tal-ordnijiet li jistgħu jinħarġu taħt is-subartikolu (1), ordni ta' protezzjoni jista' jagħmel dan li ġej kollu jew xi ħaġa biss minnu:

(a) jipprojbixxi jew jirrestrinġi akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiża jew ta' xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni; jew

(b) jipprojbixxi jew jirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, ġewwa fond fejn il-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni, tkun qiegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond; jew

(c) jipprojbixxi lill-akkużat milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna offiża jew lil xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni.

13. Illi għalhekk Ordni ta' Protezzjoni, u konsegwentement Ordni ta' Trażżin, jista' jinħareġ mill-Qorti għar-raġunijiet indikati fl-Artikolu 412Ċ(1) u dan wara illi l-Qorti tqis il-materji kollha indikati fl-Artikolu 412Ċ(3), b'mod partikolari dawk indikati fil-paragrafi (a), (b) u (e). Il-Qorti tinnota wkoll illi la fl-Artikolu 382A u lanqas fl-Artikolu 412Ċ, il-liġi ma tillimitax tali ordnijiet għal delitti, b'dan għalhekk illi l-ħruġ tagħhom jista' jiġi ordnat anke fil-każ ta' sejbien ta' ħtija ta' kontravvenzjonijiet.

14. Illi jingħad minnufih illi mhux fil-kompetenza ta' din il-Qorti illi tidħol fil-mertu ta' kwistjonijiet ta' natura ċivili, inkluż billi, f'dan il-każ, tieħu xi deċiżjonijiet dwar liema drittijiet jispettaw lil min fil-proprjeta` tal-fond ġewwa Triq l-Eġittu, Naxxar, li ċertament lanqas ma huwa l-mertu ta' dan l-appell. Minkejja li ġew esebiti xi kuntratti fl-atti proċesswali quddiem l-Ewwel Qorti, dak li jikkonċerna lil din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk id-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tinkludi anki l-kundizzjoni ndikata bl-ittra 'b' bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-appellant, kinitx waħda illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kinitx tinkwadra ruħha fit-termini tal-liġi.

15. Jingħad fl-ewwel lok illi l-appellant baqa' ma appellax mid-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija kif meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu t-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, li permezz tagħha huwa ġie mixli b'inġurji u theddid fil-konfront ta' Margaret Caruana.

16. Din il-Qorti tinnota wkoll kif l-Ispettur Christian Cauchi, ġia` PS 1021, xehed illi meta waslu l-Pulizija fuq il-post, Margaret Caruana kienet eċitata u mbeżża', kif ukoll illi waqt u minkejja l-presenza tal-Pulizija fuq il-post, l-appellant kompla jhedded illi kien se jkisser kull m'hemm, b'referenza għall-fond ġewwa Triq l-Eġittu, Naxxar. Irrispettivament minn kwalunkwe apoloġija li seta' għamel l-appellant lill-Uffiċjali tal-Pulizija wara l-akkadut, jew minn kwalsiasi kura psikjatrika li seta' kien taħtha, l-aġir ostili tiegħu lejn il-Pulizija baqa' wieħed kontinwu, saħansitra anke wara li ġie arrestat, bi kliem ta' mibgħeda jingħad minnu fil-konfront ta' martu anke fit-triqtu lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Jekk l-appellant ma ddejjaq xejn mill-Uffiċjali tal-Pulizija, aħseb u ara kemm ma jiddejjaqx iżjed meta dawn ma jkunux preżenti! Tinnota wkoll kif il-*parte civile* xehdet illi "*jien qieghda mcahhda minn ibni u minn familti ghax kelli jekk isib lil xi hadd id-dar Alla jaf x'ha jaghmel.*" In oltre din il-Qorti ma tistax ma tqisx ir-riżultat tar-*Risk Assessment* illi sar lil Margaret Caruana, li permezz tiegħu rriżulta illi Caruana kienet f'riskju għoli fid-dawl ta' diversi fatturi li ġew identifikati matul l-istess *Risk Assessment* ossia 1) il-biża' u t-twemmin illi l-appellant huwa ta' theddida fuq is-sigurta` u l-ħajja ta' Caruana; 2) eskalazzjoni fil-frekwenza u natura tal-abbuż; 3) theddid kredibbli fuq il-ħajja; 4) maltrattament fuq l-annimali; 5) is-saħħa mentali tal-appellant; u 6) attentat ta' kontroll u għira fuq Caruana.

17. Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi da parti tagħha, il-*parte civile* xehdet illi l-appellant ma joqgħodx fil-fond in kwistjoni, iżda "*kien qed jigi jinhasel, jaghmel kulma jkollu bzonn u jiehu kulma jkollu bzonn mid-dar*". Da parti tiegħu, fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant jgħid illi huwa jgħix fl-istess fond, iżda jorqod ma' ommu, li hija mara anzjana, oltre illi matul il-jum, imur l-għalqa. Meta mitkellem mill-Pulizija, huwa qal illi huwa jgħix ġewwa l-għalqa fi Triq Għajn Rihana, Burmarrad, iżda jmur fir-residenza sabiex jinħasel biss, in linea għalhekk ma dak li xehdet il-*parte civile.*

18. Ikkunsidrat is-suespost, din il-Qorti tqis illi kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur Margaret Caruana fil-konfront tal-appellant, inkluż billi tipprjobih milli jkollu aċċess għall-fond fejn tirrisjedi l-istess Margaret Caruana u dan irrispettivament minn jekk huwa għandux interess legali f'dak il-fond. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imsemmi Ordni kien meħtieġ għall-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Caruana. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi minkejja li l-appellant appella biss in kwantu l-kundizzjoni 'b' fl-Ordni ta' Trażżin u mhux mill-kundizzjonijiet l-oħrajn imposti fuqu, din il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif f'dan il-każ, l-appellant jista' jiġi pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Margaret Caruana (kundizzjoni 'a'), fil-waqt illi ma jiġix ipprojbit ukoll milli jaċċedi ġewwa r-residenza fejn hija tirrisjedi.

19. Għalhekk l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

20. Hawnhekk il-Qorti tinnota illi l-Ewwel Qorti erogat piena żbaljata meta sabet ħtija fl-appellant fir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, u għaddiet sabiex finalment teroga piena ta' multa ta' tmien mitt ewro (€800) u dan għaliex l-imsemmi artikolu jikkontempla, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi **u** għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (€800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000). Madankollu l-Avukat Ġenerali ma nterponiet l-ebda appell fir-rigward mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tirriforma s-sentenza appellata billi teroga piena skont il-liġi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' **John Mary CARUANA** u tikkonferma s-sentenza appellata, inkluż l-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tal-istess appellant, bil-perjodu operattiv tal-istess Ordni jibda jiddekorri mil-lum.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**